MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 50/2003

**Tasika Auto Limited**

**vs**

**Philip Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid intom konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kundannat thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija tmienja u tmenin lira Maltija (Lm788) valur ta' erba' kambjali illi immaturaw rispettivament fit-28 ta' Awissu 2000, 28 ta' Settembru 2000, 28 ta' Ottubru 2000 u 28 ta' Novembru 2000 flimkien ma mija wiehed u erbghin lira Maltija tnejn u sittin centezmu (Lm141.62c) interessi fuq dan il-kapital; salv interessi ulterjuri fuq din is-somma b'effett mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-28 ta’ Jannar 2003.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah.”

Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat fis-16 ta’ Mejju 2003 izda minkejja d-dekorrenza tat-terminu preskritt la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduti li nzammu mit-Tribunal wara d-dekorrenza tat-terminu moghti ghar-risposta u cioe’ dawk ta’ nhar l-Erbgha, 11 ta’ Gunju 2003 u dik tal-lum;

Sema’ d-deposizzjoni guramentata ta’ Carmel Camilleri, direttur tas-socjeta’ attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ LM788 flimkien ma’ LM141.62 kif ukoll l-interessi bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba sad-data tal-eventwali hlas effettiv, bl-ispejjez inkluza dik tal-ittra interpellatorja tat-28 ta’ Jannar 2003 a kariku tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------